SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa B'Urġenza Numru 38-22

22 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul - skużat

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

38.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera Terrence Ellul. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

**38.2 Applikazzjoni għal sanzjonar ta' bini illegali bin-numru PA/00650/22**

Is-Sindku qalet li hija diġa' kienet kkuntatjat lis-Sindku ta' Ħal Luqa li għarrafha li l-Kunsill ta' Ħal Luqa kienu ser jagħmlu *sanction letter* kontra dan il-bini fl-ODZ. Hija qalet li l-Kunsill ta' Santa Luċija kien kontra kull development fl-ODZ speċjalment għaliex seta' jagħmel preċident għall-applikazzjonijiet oħra.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras irringrazzja lill-Kunsill li laqa' t-talba tiegħu għal laqgħa b'urġenza sabiex jiġu diskussi l-items fuq l-Aġenda. (Doc A annessa)

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li kien hemm bosta tentattivi sabiex isir żvilupp f'din l-area pero l-Planning Authority sa issa dejjem irrifjutathom u qal li din l-Awtorita ma tistax tippremja lil min jieħu l-liġi

b'idejh. Il-Kunsillier spjega li s-sid kien qabad jibni mingħajr permess u li kien fadal biss ċans sal-11 ta' Marzu fejn wieħed jista' jagħmel oġġezzjoni.

Is-Sindku qalet li min induna b'xi rregolarita' kellu jgħarraf lill-Kunsill sabiex tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill jekk kien jixtieq li l-Kunsill jagixxi fl-interess tal-lokal u r-residenti.

Il-Viċi Sindku qal li qed jiddejjaq għaliex jidher li kien hemm xi ħaġa partikolari fuq din l-art u li meta kien hemm żvilupp ieħor u sar restaurant b'pool ma kinitx saret oġġezzjoni mill-istess kunsillier li kien talab għal din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li fis-snin li għaddew kien għamel diversi oġġezzjonijiet lill-Planning Authority. Huwa qal li huwa obbligu ta' kull wieħed minnha biex iċempel u jirraporta abbuż u li huwa kien għamel dan kemm bħala residenti kif ukoll bħala kunsilliera.

**38.3 Applikazzjoni PC/00087/18 dwar l-għalqa li qiegħda fi Triq Katerina Vitale u n-naħa l-oħra fi Triq Stefanotis**

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras beda l-intervent tiegħu billi qal li l-ewwel nett il-Kunsill għandu jiċċara liema minn dawn il-biċċtejn art hija tal-Gvern u liema tal-Privat. Huwa staqsa jekk wara li jiġi iddikjarat liema kienet tal-Gvern, il-Kunsill kienx ser jipproteġi s-siġar li kien hemm f'wieħed minn dawn is-siti.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa ukoll jekk l-għoli ta' 16.3 metru kienux ser jiġu mkejla min- naħa ta' Triq Katerina Vitale jew minn Triq Stefanotis għaliex kien hemm dislivell f'dawn it-toroq.

Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joġġezzjona kontra kull żvilupp f'ODZ Is-Sindku Charmaine St John, il-Kunsilliera Kylie D'Amato u l-Kunsillier Dr Liam Sciberras ivvutaw favur, il-Viċi Sindku astjena u iddikjara li huwa kien jaqbel mal-policies tal-Gvern.

Is-Sindku spjegat li hija kien jidhirla li l-parti ta' Block 2 kienet tal-Privat. Hija spjegat li hija kienet talbet għal linja ta' gwida sabiex il-Kunsill jitlob għad- devoluzzjoni tal-parti li hija tal-Gvern.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras propona li l-Kunsill jitlob lil Gvern anki l-parti privata permezz ta' esproprjazzjoni sabiex titgawda mir-residenti tal-lokal.

Is-Sindku ressqet mozzjoni li l-Kunsill ma jidħolx u l-Kunsill ma jaqbilx li jmiss l-parti tal-privat ta' dawn is-siti.

Is-Sindku Charmaine St John, l-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera Kylie D'Amato ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Liam Sciberras astjena.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras talab għal vot tal-mozzjoni jekk il-Kunsill jaqbilx li is-siġar li hemm fis-sit privat kemm dawk protetti kif ukoll li ma kienux protetti jinqalgħu minn hemm u jintefgħu fuq art pubblika biex jitgawda minn kulħadd. Ma kellux sekondant għaliex dawn is-siġar qegħdin fuq propjeta' tal-Privata.

**38.4 Tmiem tal-laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fis-6:24pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |